**QORTI TAL-MAGISTRATI (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 17, 23, 23A(2), 23B, 23C, 31, 49, 50, u 261 (b) (c)(e)(f), 263, 265, 267, 269(g), 270, 278(1) (2) (3), 279(a), 280(2), 281(b), 289, 325(1) (b), 533 u 579(1)(2)**
**tal-Kap 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

***Kumpilazzjoni Nru: 842/12***

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**-OMISSIS-**

**CLIVE AGIUS**
**(ID:187685M)**

**Illum, 24 ta' Ottubru, 2017.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **OMISSIS** u **CLIVE AGIUS** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 187685(M) gew mressaq quddiemha u akkuzati talli:

1. Ikkommettew serq ta' diversi oggetti fosthom pistola ta' l-ghamla Beretta, minn gewwa residenza 164, Flat 1, Triq il-Wied ta' l-Imsida, Msida liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz, bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2329.37, bil- Lok u bil-Hin ghad-detriment ta' Joseph Camilleri u/jew persuna jew persuni ohra;

Lil Clive Agius, wahdu, talli fl-istess data, hin u cirkostanzi hawn fuq imsemmija f'dawn il-gzejjer:

Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provisorja imposti fuqu mill-qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr. A. Mizzi L.L.D) cioe' li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, dan taht garanzija personali fost kundizzjonijiet ohra mposti fuqu mill-istess Qorti.

Il-Qorti hija gentilment giet mitluba titratta ma Clive Agius bhala **ricediv** ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magisatrati (Malta) liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50, u 289 ta' Kap 9tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex taplika mutatis mutandis id-dispizizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-*Money Laundering,* Kapitlu 373 tal-Ligijiet ta' Malta hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 23 A(2) tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 23B (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta'esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fl-ewwel seduta l-ko akkuzat kien irregista ammissjoni ( fol. 6) ghall-akkuza dedotta kontra tieghu u l-prosekuzzjoni tablet is-separazjoni tal gudizzju fil-konfont ta l-imptuat odjern Clive Agius.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fil-konfront ta l-imputat Clive Agius fosthom estratt mill-att tat-twelid a fol 11, fedina penali a fol 15et seq, stqarrija a fol 24 et seq u okkorrenza a fol 30 et seq.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni.

**Joseph Camilleri** xehed fid-29 ta' Awwissu, 2012 u stqarr li joqghod 164, Flat 1, Triq il- Wied ta' l-Imsida, Msida.

Dan spjega li mill-gimgha ghas-sibt ta dik il-gimgha kien mar Ghawdex u ohtu Pauline Camilleri cemplitlu u qaltlu li kien dahallu xi hadd id-dar. Ix-xhud telaq mal-vapur tal- 5.00am ta' filghodu u u kien l-Imsida ghal xi s-sitta u kwart, is-sitta u nofs 6.30am u sab il-kamra tas-sodda mqallba u l-bieb tal-gallarija mkisser u skopra li kienu dahlu mill-gallarija. X'aktarx li l-malviventi l-ewwel telghu ma' l-ewwel gallarija u mbghad qabzu ghal fuq il-gallerija l-ohra, mbghad sgassaw il-bieb skond kif setgha jifhem, ghax il-bieb t'isfel ma fethuhx u l-gurnata ta' qabel kien sar tentattiv ta sgass pero ma kienux lahqu sgassaw il-bieb u rrangawh. Jemmen li l-malviventi telghu minn barra fejn hemm tieqa tal-hadid, telghu mal-hadid ghall-gol gallarija ta' wiehed u qabez ghall-gallarija tieghu . Ikkonferma li mbghad sab il-kamra tas-sodda mqallba u xi affarijiet neqsin, fosthom *revolver* tad-ditta Beretta, fejn kien fih 6 balal zghar. Dan ir-*revolver* kien xtrah missier il-mara tieghu u llum il-gurnata mejjet u kien ghamel it-*transfer* fuqu u kollox kien bil-permess. Meta gie mistoqsi ta' liema annu kien ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf. Kien hemm wkoll tlett (3) arloggi tal-idejn tal-irgiel u cappetta tal-fidda li kienet tal-mara tieghu li sab neqsin.

Meta gie mistoqsi kemm kienet tiswa l-arma x'xhud wiegeb li ma jafx ghax ma kinitx ta'valur. Kien hemm wkoll xi flus antiki (muniti) Taljani u xi haga Maltin li ma sabhomx.

Mistoqsi jekk kellux ihallas ghal xi hsara li saret, wiegeb li iva ghax il-bieb kellu jibdlu ghax nbaram u l-hsara b'kollox giet tiswili tlett mija u hamsin €350.

Mistoqsi jekk kienx jaf xi hadd li dak in-nhar kien sejjer Ghawdex, wiegeb fl-affermattiv u stqarr li kien qal lil James, it-tifel ta' Johnny dak li kien gie akkuzat ma l-imputat u kien irregistra gja ammissjoni ghall-akkzua. .

Mistoqsi mill-qorti jekk kienx diga' qal lil James jekk kienx qallu qabel l-isgass wiegeb li iva, kien diga qallu li sejjer Ghawdex. L-isgass sar meta huwa kien diga' qieghed Ghawdex. Mistoqsi x'sar minnhom l-affarijiet li nsterqu wiegeb li sa fejn jaf hu kien qed jigu esamianti mill membri tal-forensika. Meta gie mistoqsi jekk jafx lil xi hadd minn hemm gew qal li ma jaf lil hadd.

**Spettur James Grech** xehed fid-29 ta' Awwissu, 2012 u spjega li fit-18 ta' Awwisu, 2012 filghodu gie infurmat illi mal-lejl gew arrestati Clive Agius l-imputat odjern flimkien ma persuna ohra certu Giovanni Farrugia mill-Belt Valletta. Dawn i gew arrestati mill- pulizija tal-*mobile* gewwa l-Msida wara li l-pulizija gew infurmati li kienet sehhet serqa minn go resideneza 164, Flat 1, Triq il- Wied ta' l-Msida, Msida. Kif il-pulizija tal-*mobile* gew infurmati huma nizlu mmedjatament fuq il-post, fejn hadu ftit minuti u kif waslu fuq il-post ma kien hemm hadd, hlif Clive Agius u Giovann Farrugia li kienu qeghdin ftit 'l fuq, faccata tal-flattijiet tal-Gvern fil-Wied ta' l-Imsida, minn fejn saret is-serqa.

Huma gew mizmuma immedjatament dak il-hin, u saret tfittxija ta' fejn kienu gew arrestati u ftit metri biss boghod minnhomn, sabu arloggi tal-idejn tal-irgiel, brazzuletta kulur il-fidda u pistola Beretta cliber .22 illowdjata, qishom mohbijin wara kolonna, jigifieri mhux mormijin qisu xi hadd remihom, imma mohbijin biex qisu xi hadd jghaddi ghalihom. Dawn gew infurmati bl-arrest taghhom, u ssejhu l-pulizija tal-forensika fuq il-post. Fl-istess hin, kien hemm pulizija ohrajn li mxew bil-pass mar-residenza sal-post fejn instabu l-imputat u Giovanni Farrugia u mat-triq instabu zewg *torches,* wahda mixghula u ohra mitfija, sabu parrokka u beritta li x'aktarx kienet qieghda tintuza mill-imputat . Dan ilf-att gie konfermat minn xi girien illi ghenu hafna fl-investigazzjoni.

Il-girien ma xtaqux jidrhu ghax ghandhom biza'. Spjega li dawn il-girien li ma xtaqx jizvela l identita taghhom ggwidaw lil pulizija mill-gallerija taghhom id- direzzjoni li hadu l –halelin biex harbu, u kienu huma li ggwidaw lill-pulizija sabiex gew arrestati.Giovanni Farrugia u Clive Agius.

Ix-xhud kellem lill-imputat u li Farrugia fl-ufficcju tieghu dakinhar stess. Lil Clive Agius kien kellmu qabel ittiehdet l-istqarrija u baqa' jinnega l-involviment tieghu u beda jghidlu li hareg passiggata, meta gie mistoqsi fit-tlieta (03.00) ta' filghodu mill- Floriana sa l-Imsida u wara ghazel li ma jwegibx aktar. Huwa hadlu stqarrija fit-tmienja u nofs u erba' minuti (8:34) ta' filghaxija fil-prezenzaw ta' PC1463 Carmelo Borg. Clive Agius ma' l-arrest tieghu ghazel li ma jikkonsultax ma avukat tal-ghazla tieghu irrillaxxjastqarrija pero mit-tlett (3) faccati ta msitoqsijiet ma wiegeb kwazi ghal xejn minnhom, ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija li spiccat fid-disgha (9.00) ta' fil-ghaxija u fuqha gharaf il-firma tieghu, ta' PC1463 Carmelo Borg u ta' Clive Agius l-imputat prezenti fl-Awla. Din l-istqarrija tibda minn fol 24 u tkompli sa fol 26.

Ix-xhud kien inghata t-twissija skond il-ligi u nghata d-dritt li jikkonsulta ma avukat qabel bdiet l-interrogazzjoni, pero' d-dritt ta' l-avukat qabel tibda l-interrogazzjoni, ghazel li ma jiehdux. L-imputat tressaq l-qorti taht arrest nhar id-dsatax (19) ta' Awwissu, 2012 l-ghada ta meta giet rapportata s-serqa fejn Giovanni Farrugia kien irregistra ammissjoni fir-rigward ta' din is-serqa.

**PS46 Charlot Casha** xehed fil-5 t'Ottubru, 2012 fejn spjega li fit-18 ta Awwissu 2012 kien gie infurmat minn PS1575 Robert Fava ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (3.30am) sabiex jaccedu fit-Triq tal-Wied tal-Imsida, Imsida fejn allegament kienet sehhet serqa minn Blokk 164, Flat 1. Ix-xhud kompla jghid illi kif kienu gewwa t-triq kien hemm diversi pulizija u dawn huma msemmijin fir-rapport taghhom. Dawn il-pulizija indikawlhom xi affarijiet li kien hemm gewwa t-triq kif ukoll gewwa garaxx li kien jinsab fi trejqa u spjega li ndikawlhom mhux propjament garaxx imma dahla ta' basement ta' garaxx, li kienet qieghda taht blokka ta' bini.

Imbghad indikawlhom l-flat li gie derubat u cioe Flat 1, Blokk 164 . Dan kellu sinjal ta' sgass fuq il-bieb tal-gallarija tieghu u sabu wkoll taqlib gewwa l-*main bedroom*. Ix-xhud tenna li ghamlu x-xoghol kollu necessarju dwar *Scene of crime* li jinkludi t-tehid ta' ritratti. Elevaw xi affarijiet u ghamlu tficcijiet necessarji u wara hejjew rapport li pprezentaw, li jinkludi sett ta'ritratti f'ammont ta' tlieta u sebghin ritratt (73).

Huwa esebixxa r-rapport li gie markat bhala Dok CK , kif ukoll l-ogetti, li elevaw minn fuq il-post gewwa *envelope* issigillat. Dan l-*envelope* ssigillat gie markat bhala dok CK2. Ix-xhud kompla jghid li l-*items* huma ssigillati ndividwalment.

**Pauline Camilleri** xhedet fil-5 ta' Ottubru, 2012 fejn spjegat lill-Qorti meta kienu gew il-pulizija waqt li kienet fuq il-post . Tghid li kienet hi li nfurmat lil huha f'jum f' Awwissu 2012 li ghall-habta tat-tlieta u kwart ta' filghodu (3.15am) kienet fuq meta cemplulha l-qanpiena u kien hemm hafna nies u l-pulizija staqsewha jekk tigix minn Joseph Camilleri . Dak il-hin hadet qatgha li setgha gralu xi haga ghax dak il-hin ma kienx qieghed hemm, kien qieghed Ghaxdex u nizlet u sabet hafna pulizija. Qalulha biex ma tiehgux qatgha ghax ma kien gara xejn u staqsewha x'tigi minnu u wiegbet li tigi ohtu, cemplulha l-qanpiena u nizlet.

Sabet hafna pulizija, u l-bieb tal-gallerija ta' huha sgassat. Ix-xhud dahlet gor-residenza ta' huha mal-pulizija u l-pulizija raw li bdiet tibki u hasbet li kissrulu l-ghamara imma rat taqlib fil-kamra tas-sodda, kollox ma l-art. Mistoqsija minkien infurma lil huha dwar dak li gara kkonfermat li kient hi stess li qaltlu li dahlulu d-dar. Staqsewha wkoll jekk ratx il-persuna li kienet fl-Awla u jekk gharfithiex u wiegbet fin-negattiv.

**Joseph Camilleri** xehed fil-5 t'Ottubru, 2012 u muri d-dokument markat bhala FS 121606 gie mistoqsi jekk jaghrafx l-oggett, fejn stqarr li li hu l-maggazin u r-revolver tieghu li kien fih sitt balal. Meta staqsewh jekk gharfux u jekk huwiex tieghu wiegeb iva li gharfu u li kien tieghu u meta ghaddew il-balal ikkonfermaw li kienu sitta u tad-ditta Beretta. Ix-xhud gie muri wkoll dokument immarkat bhala FS 121606 u gharaf tlett arloggi li kienu tieghu. Dawn gew irritornati kollha lix-xhud seduta statne . Meta x-xhud gie mistoqsi jekk hux lest li jahfer lil min ghamel din is-serqa u wiegeb li jhalliha fil-kuxjenza tieghu jahfirlux jew le ghax it-trawma ghadha fuqu u l-mara tieghu ma tridx toqghod hemm u ilha ma torqod hemm sa minn Santa Maria.

**PC 265 Kenneth Ciangura** xehed fis-17 ta' Dicembru, 2012 fejn spjega li fit-18 ta' Awwissu 2012 kien xoghol ma' PS 1074, fuq l-Area tar-Rabat li

tikkonsisti f'Siggiewi, Haz-Zebbug u dawk l-inhawi. Dak il-hin kienu fuq is-Siggiewi u ghall-habta tat-tlieta (03.00) ta' filghodu ircevew *call* fuq ir-*radio through l-control room* li aktarx kien hemm zewg persuni fi Triq il-Wied tal-Msida, fil-bini tal-Gvern ezatt fejn l-Ghajn tal-Hasselin. Ix-xhud qal li telqu mis-Siggiewi, waslu fil-psot idniakt lilhom u nizlu mill-vettura u kif marru fil-bieb indikat kien hemm xi hadd li ndikalhom li kienu ghadhom kemm telqu zewg persuni .Ix-xhud flimkien ma PC345 u PC1241 marru fejn -vann blu u sabu zewg persuni hergin minn hdejn il-vann, li kienu Clive Agius prezenti fl-Awla u certu Giovanni. Ix-xhud qal li huma arrestawhom, u wara beda gej kulhadd, gew aktar pulizija tal-*mobile* fejn wiehed minnhom baqa' diehel gewwa ftit il-boghod minnhom u wara ghajtilhom li kien sab xi affarijiet fosthom pistola zghira u tlett (3) arloggi kulur id-deheb u komplew b'aktar investigazzjonijiet.

Mistqosi jekk it-triq tinfidx u jekk iva fejn tinfed, wiegeb li dan sqaq u kull ma jinfed biss kien ghal blokk zghir ta'garaxxijiet. Meta d-difiza staqsiet lix-xhud jekk rax lil imputati hergin minn go din id-dar wiegeb li ma rahomx hergin mid-dar. . Ix-xhud gie mistoqsi dak il-hin kienx hemm nies pajzana fejn wiegeb li le, il-persuna li ndikatilhom minn fejn telqu il-malviventi biss kienet hemm.

**PC 345 Mark Cremona** xehed fis-17 ta' Dicembru, 2012 u stqarr li fit-18 ta' Awwissu 2012 ghall-habta tat-tlieta (3.00), kienet dahlet *call* mill-*control room* fejn zewg (2) persuni kienu qeghdin jippruvaw jidhlu go residenza li tinsab go 164, Bini tal-Gvern, Flat 1, Triq il-Wied ta' l-Msida, Msida fejn l-Ghajn tal-Hasselin. Ix-xhud dakinnhar kien xoghol mas-surgent 267 u fuq l-area gew mghajta (3) units ohra. Malli waslu fuq il-post, il-*units* inqasmu. Huwa flimkien ma PC 1241, PC 265 u s-surgent bdew jaraw fejn hu l-bieb ezatt sabiex jiccekkjaw ir-residenza jekk fil-verita kienx hemm nies go fiha. Ix-xhud wiegeb li kien dak il-hin li tnejn (2) minn nies telqu jigru lejn id-direzzjoni opposta propju fejn sqaq Dun

Andre'. Ix-xhud wiegeb li marru jigru hu , PC-265 u PC 1241 fejn sabu zewg persuni (2), Clive Agius li x-xhud gharaf gewwa l-Awla maghruf bhala – 'Id-dajdu' u mieghu kien hemm Giovanni Farrugia maghruf bhala x-'xadi'. Ix-xhud wiegeb li arrestawhom dak il-hin u fil-fatt ix-xhud immanettja lill-imputat, firduhom u dahhluhom go zewg karozzi separati. Dak il-hin regghu marru fil-post indikat lilhom, dahlu, telghu t-tarag tal-komun u ndunaw li kien hemm sgass. Iz-zewg persuni fil-verita' kienu dahlu minn barra, telghu mill-persjani ghax deher li kien hemm sgass fit-tieqa tal-gallerija ta' barra, mbghad uzaw il-bieb li originarjament jaghti ghall-blokka tal-komun, sabiex johorgu.

Ix-xhud flimkien mal-ispettur bdew jaraw l-area fil- vicin tal-bieb tal-komun proprju fejn gew mgharfa li il hallelin telqu jigru u fl-isqaq fejn l-imputat u Farrugia gew arrestati kien hemm diversi oggetti mormija, fosthom tajtz, parrokka,*baseball cap* ta' kulur car, zewg *torches*, wahda minnhom kienet ghadha mixghula u kienu mgezwrin go pari ngwanti. Huma hadu nota ta' dawn l-affarijiet kollha u nfurmaw lil tad-distrett dwarhom. U jaf li in segweitu dawn l-oggetti gew elevati.

L-affarijiet li nstabu go l-isqaq kienu xi arloggi ta' lewn isfar u xi arma. Ix-xhud ma kienx prezenti meta l-affarijiet gew elevati mill-area fejn dawn gew arrestati z-zewg persuni ghax ix-xhud kien qieghed ifittex fuq barra propju fejn il-komun. Meta x-xhud gie mistoqsi jekk l-isqaq jinfidx ghal xi mkien wiegeb li le ma jinfidx ghax dan sqaq maghluq fejn hemm garaxxijiet mitluqin imma ma jinfdux ghal toroq ulterjuri. Mistoqsi jekk kienx hemm nies pajzana fit-triq dak il-hin li waslu huma fuq ix-xena tar-reat u fit-triq l-ohra wiegeb li dak il-hin ma kienx hemm nies jippassiggaw, kull ma kien hemm bieb ta' fiorn fejn jimmagina li kien hemm xi nies jahdmu. Mistoqsi jekk kienx hemm xi persuna li indikalhom fejn iridu jmorru , x-xhud wiegeb iva li kien hemm persuna li ndikatilhom specifikament u taghthom indikazzjoni ezatta ghaliex fit-triq

kien hemm vann blu ipparkjat u qaltilhom li l-persuni dahlu minn fejn dak il-van blu li kien ipparkjat fil-bidu ta' l-isqaq fejn sabuhom .

Id-difiza staqsiet lix-xhud ghaliex ma gabux lil din il-persuna biex taghrafhom u fl-awla x-xhud wiegeb li xtaqet tibqa anonima u ma jafx jekk telghetx tixhed il-qorti jew marritx l-ghassa.

Id-difiza staqsiet jekk ix-xhud rax lill-imputati dehlin jew hergin mid-dar, u wiegeb li le imma l-pulizija marru hemmhekk u rawhom hergin minn go l-sqaq u kienu gharqana xraba.

**PC 1241 Christopher Farrugia** xehed fis-17 ta' Dicembru, 2012 u gie mistoqsi jispjega kif kien involut f'dan il-kaz u x'ra u x'sar. Spjega li fit-tmintax (18) ta' Awwissu, 2012 ghall-habta tat-tlieta (3.00) ta' filghodu gew infurmati mill-*control room* illi kien hemm xi nies li ppruvaw jidhlu go xi flat hdejn l-Ghajn tal-Hasselin l-Imsida. Spjega li nizlu fuq il-post indiakt lilhom xi erba (4) jew hames (5) karozzi tal-*mobile*, hu kien xoghol ma' PC 495 u x'hin waslu fuq il-post kien hemm persuna li ghajtitilhomu qaltilhom li l-malviventi kien i dahlu minn bieb. X'hin marru jiccekkjaw dan il-bieb kien hemm persuna ohra minn go tieqa li qaltilhom li kienu ghadhom kemm hargu zewgt irgiel jigru minn dan l-istess bieb. Iz-zewg pulizija telqu jigru fid-direzzjoni li qaltilhom hi li kien sqaq jaghlaq, ma jinfidx fejn kien hemm vann ipparkjat. Mieghu kien hemm PC 265 u PC345, marru f'dik id-direzzjoni jigru, raw zewgt irgiel jigru maghrufin maghhom u cioe John Farrugia maghruf bhala 'x-xadin', u l-akkuzat fl-Awla. Ix-xhud arresta lil John Farrugia u PC345 arresta lil persuna li kienet fl-Awla fejn ghamluhom f'karozzi separati minn taghhom u huwa baqa' ma' l-akkuzat.

Mistoqsi jekk saritx xi *search* fit-triq jew fl-isqaqu jekk irrizultax xi haga jew le, wiegeb li shabu marru jkomplu u hu baqa' ma l-akkuzat biex ma

johrogx. Meta x-xhud gie mistoqsi jekk dak il-hin kienx hemm aktar nies fit-triq, wiegeb li kien hemm persuna li x'hin waslu fuq il-post writhom bieb, pesuna ohra li minn gol-bini qaltilhom li harget persuna minn dan il-bieb.

**Spettur Antoine Cilia** xehed fis-17 ta' Dicembru, 2012 fejn stqarr li fit-18 ta' Awwissu, 2012 ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu kienu nfurmawhom mill-*control room* illi kienet qieghda ssir serqa gewwa l-Msida, vicin l-Ghajn tal-Hasselin. Il-karozzi li kienu fl-area kienu avvicinaw il-post, ix-xhud kien il-Furjana u dak il-hin mar fuq il-post wkoll. Ix-xhud wasal ghall-habta tat-tlieta u zewg minuti (3.02) fuq il-post fejn l-Ghajn tal-Hasselin u ra lill-kollegi tieghu aktar il-fuq minnu ezattament kantuniera ma Triq Dun Andre'. Hemmhekk sab lil Clive Agius detentur ta' l-Id Card bin-numru 187685(M) li gharaf fl-Awla flimkien ma certu Giovanni Farrugia bin-numru ta' l-identita' 121564 (m).

Spjega illi sab lill-imputat Agius li kien gja mmannettjat fil-karozza tal-pulizija bil-qieghda fuq wara flimkien ma persuna ohra bil-kuljom Farrugia li kien qieghed fuq barra tal-karozza u li kien qieghed fil-kustodja tal-pulizija. .

Hemmhekk tkellem ma xi nies u kien hemm eprsuna li qallu li kien ra persuna ftit *chubby* u iehor irqiq gejjin minn Garcon Street, dak li kien ftit *chubby* qallu li qghad fil-bieb tal-komun u l-iehor l-irqiq kien tela' mal-*pregnant window* u dahal f'gallerija ta' l-ewwel sular. Issa a bazi ta din l-informazzjoni li kellu fejn allegatament sar il-kaz huwa telgha fil-komun fejn sab l-appartament 164, flat 1, bil- l-bieb miftuh, imbexxaq.

Hemmhekk, dahal flimkien ma PC 345 u xi pulizija ohrajn biex jaraw jekk hemmx xi persuni ohra gewwa. Fil-fatt sabu xi taqlib zghir, kien hemm

il-bieb tal-gallarija sgassat imma ma kien hemm l-ebda persuna gewwa. Minn hemmhekk regghu avvicinaw l-pulizija li kienu fil- karozza tal-mobile u halla pulizija minn tieghu jaghmel tfittxija fit-triq mill-appartament sa hdejjom. Fil-vicinanzi instabu diversi affariijiet fosthom par tights tan-nisa, beritta ta' kulur car, parrokka, zewg torcijiet wahda minnhom kienet mixghula u kienet gewwa ngwanta sewda u ngwanta ohra. Dawn kien sabhom infurmahom mill-ewwel u rahom fit-triq fejn kienu. Imbghad PC 233 ghamel *search* go *site* ta' kostruzzjoni, fejn instabu l-imputt u John Farrugia fil-karozza fejn hemm hekk kienet instabet arma tan-nar ta'kalibru zghir u tlett arloggi ta' kulur dehebi, kienu mohbijin go din is-site ta' kostruzzjoni. . Wara li sabu dawn l-oggetti nfurmaw lil tal-forensika biex jiffotografaw l-oggetti u jippriservawhom u kien kellem wkoll lil-*owner* tal-appartament li kien jismu Joseph Camilleri fejn kien staqsih x'setghu hadulu dakinhar u dan stqarr li ma kellu l-ebda oggett ta' valur id-dar. Kien qallu li kellu biss pistola zghira ta' kalibru zghir li kien writha u kien irregistraha. Fil-fatt assuma li kienet l-istess pistola li sabu fuq il-post flimkien ma' l-oggetti l-ohra, . X' hin mbghad staqsih ghandux xi oggetti tad-deheb qallu li mhux deheb veru . Ix-xhud qal li Camilleri ma kienx fuq il-post u kien kellmu minn Ghawdex, kellu jigi aktar tard fuq il-post. Fuq il-post kienu gew xi familjari tieghu li mbghad komplew ma tad-distrett biex jigi ppriservat kollox fuq il-post. Ix-xhud kien ta' ordni biex jnizlu lill-imputat Agius flimkien ma Farrugia il-*lockup*.

Mistoqsi jekk jafx minn fejn gew arrestati Farrugia u Agius u kemm kien hemm distanza minn fejn instabu l-pistola u l-arloggi, x-xhud wiegeb li fejn sabhom u u fejn arrestahom ma kienx hemm distanza aktar minn (20) ghoxrin metru. Mistoqsi jekk kienx hemm xi persuni ohra meta wasal hu wiegeb li huma t-tnejn biss.

**PS 1074 Luke Stivala** xehed fis-17 ta' Dicembru, 2012 u kkonferma li nhar t-18 ta' Awwissu ,2012 kienu gew infurmati li kien hemm xi persuni gewwa residenza fejn l-Ghajn tal-Hasselin, l-Imsida. Kienu xi tlieta ta' filghodu, marru hu u kollega tieghu PC265. X'hin waslu fuq il-post, dahal flimkien ma PC 1443, u PC 495, gol-komun biex jiccekkjaw fuq il-bejt, pero minn bieb iehor, jigifieri fethilhom xi hadd iehor. Telghu fuq il-bejt u bdew iduru l-akkwata tal-bejt, u bdew iduru l-bjut kollha. Waqt li kienu qeghdin fuq semghu xi ghajjat minn shabhom ghax kien hemm in-nies isfel wkoll. U ndikawlhom li kien hemm xi irgiel li kienu qed jigru u rawhom sejrin l'hemm. Jigifieri kellhom xi nformazzjoni,nizlu u waqqfu lil zewg (2) persuni li kienu qeghdin aktar il-fuq fit-triq. Kien hemm zewg (2) persuni qeghdin go *side street* faccata aktar l-hemm, aktar lejn il-wied.

Meta x-xhud gie mistoqsi minn fejn gew arrestati l-imputat Agius u Farrugia ghal fejn instabu l-affarijiet jekk keinx hemm distanza, wiegeb li kien hemm bejn ghaxra (10) u (15) hmistax- il metru go garaxx f'kantuniera, propjament dhul go garaxx. Kien hemm entratura u t-triq ma kienitx tinfed. U kien hemm entratura tal-garaxxijiet li kienu qeghdin f'kantuniera.

Meta gie msitoqsi jekk fl-area fejn kienu qed jahdmu, kienx hemm pajzana ohra apparti l-imputat u Farrugia wiegeb li apaprti huma pulizija biss kien hemm.

**Dr. Marisa Cassar** xehdet fil-5 ta' April, 2013 fejn esbiet l-iswab ta' Clive Agius li kienet ghadha kif hadet dakinhar immarkata bhala "MCS 1".

**PC 233 Adrian Chetcuti** xehed fit-8 ta' Mejju, 2013 u kkonferma dak kollu li kien PC 296.Spjega li ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu tat-18 ta Awwissu ,2012 kienu mal-Ispettur tal-*mobile* s-Sur Cilia u dahlet informazzjoni illi kien hemm xi serqa l-Imsida mill-fond 164, Flat Triq il-

Wied ta' l-Msida. Hemm l-ispettur taghhom ordni biex imorru hemmhekk ghax huma kienu daqsxejn il-boghod. Kif waslu fuq i l-post sabu zewg (2) persuni li wiehed minnhom gharfu fl-awla bhal l-imputat Agius . l-Ispettur mill-ewwel ordna l-arrest tieghu kien qieghed hdejh, jaf li taghhom il-*caution* tal-arrest u mbghad l-Ispettur Cilia tahom ordni biex ikomplu jfittxu jekk kienx hemm it-tielet persuna. Waqt li kienu qieghdin ifittxu f'post mohbi x'xhud sab tlett (3)arloggi u pistola zghira.

**PC 267 Anthony Cassar u PC 451 Aaron Bugeja** ukoll ikkonferma wdak li qalu l-ufficcjali l ohra

**Dr. Marisa Cassar PH.D** xedet fis-sbatax ta' Lulju, 2013 u spjegat li miill-analizi li ghamlet fuq l-esebiti moghtija lilha b'mod partikolari fuq il-beritta tal ghamla Adidas hargu profili ginetiku parzjali li minnha ttiehdet *swab* minn gewwa taghha ghall-analizi tad- DNA u hareg profil ginetiku li ma jistghax jigi eskluz li jaqbel ma ta' Clive Agius. Dan ir-rapport taghha gie esebit u markat bhala Dok MC1.

**Spettur James Grech** xehed fis-17 ta' Lulju, 2013 fejn ipprezena *bail conditions* ta' Clive Agius datata sittax (16) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) moghtija lilu mill-Magistrat Dr.Antonio Mizzi fil-kawza **<u>spettur Anthony Portelli kontra Alfred Bugeja u Clive Agius</u>** li fuqha anke qed jaghraf l-ID Card ta' Clive Agius u l-firma 187685M liema document qieghed jigi mmarkat bhala Dok A1.

Ix-xhud ipprezentha sentenza moghtija fil-konfront ta' Clive Agius nhar is-26 ta'Ottubru, 2001 moghtija mill-allura -Magistrat Dr.Abigail Lofaro li fuqha hemm ukoll il-konotati ta' Clive Agius ID Card 187685M, markata bhala Dok A2. Ipprezenta Sentenza ohra datata 23 ta' Ottubru 2008 bl-ismijiet **<u>il-Pulizija Spettur Anthony Portelli kontra Clive Agius</u>** moghtija

mill-Magistrat Jaqueline Padovani li fuqha wkoll qieghed jaghraf il-konnotati ta' Clive Agius l-imputat prezenti fl-Awla bl-ID card 187685M li giet markata bhla Dok A3. Ippreenta sentenza ohra fl-ismijiet **il-Pulizija Spettur Malcolm Bondin kontra Clive Agius** ID card 187685M datata 25 ta'Marzu 2009 moghtija mill-allura Magistrat Edwina Grima ,din giet mmarkata bhala Dok A4. Iipprezenta bhala Dok A5 sentenza datata 17 ta' 2008 fl- ismijiet **il-Pulizija Spettur Josric Mifsud kontra Clive Agius** ID Card 187685M moghtija lilu mill-allura Magistrat Dr.Lawrence Quintano. Sentenzaohra moghtija ukoll mill-allura Magistrat Dr. Lawrence Quintano datata 3 ta' Mejju 2010 fl-ismijiet - **il-Pulizija Spettur Jesmond J.Borg kontra Clive Agius** ID Card187685M moghtija mill-Magstrat Dr.Savior Demicoli u giet markata bhala Dok A7. Sentenza fil-konfront ta' Clive Agius moghtija fit- 28 ta' Gunju 2000 mill-allura Magistrat Silvio Meli u din giet markata bhala Dok A 8. U finalment Sentenza datata 6 ta' Settembru 2001 moghtija fil-konfront ta l-imputat Clive Agius mill-allura Magistrat Dr. Noel Cuchieri fl-ismijiet **Il-pulizija Spettur Mario Tonna vs Clive Agius** u din qed tigi markata bhala Dok A9.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-3 ta' Dicembru, 2013 (fol.184).

Rat illi fid-29 ta' Mejju, 2014 (fol. 197) gew moqrija l-artikoli u l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti kif presjeduta.

Fil-11 ta' Dicembru, 2013 rega' xehed l-**Ispettur James Grech** li spjega lill-Qorti li minhabb ali r-rifurtiva kienet giet ritornata lura, din kienet giet rilaxxjata lis-sid Joseph Camilleri. Sussegwentement saret talba mill-Avukat Generali biex din tigi ezaminata u evalwata u ghalhekk kellha

terga' tingabar minghand Camilleri kontra ricevuta li giet esebita u mmarkata bhala Dok. PST1.

Kompla jispjega li fid-19 ta' Novembru, 2013 minn fost l-oggetti msemmija fir-ricevuta PST1, ghaddew il-pistola tal-ghamla Beretta kif ukoll il-magazin li kien fih sitt (6) bullets, lill-Brigadier Maurice Calleja. Ta' dan giet ukoll rilaxxajta ricevuta li giet immarkata bhala Dok PST2. Ipprezenta wkoll ricevuta oha mmarkata PDT3. Din turi l-oggetti li gew rilaxxajti lill-espert l-eirhor cioer' Remy Said. Dawn huma arlogg Seiko, arlogg Auto, arlogg Skagway u 'silver bracelet'.

Fil-11 ta' Dicembru, 2013 xehed il-**Brigadier Maurice Calleja** li pprezenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. MC1. Spjega li kien gie nominat sabiex jezamina pistola u sitt (6) bulletts. Qal li sab li l-pistola kienet tiffunzjona tajjeb izda kultant ma ttajjarx l-iskartocc sparat. Iz-zewg skratac sparati gew immarkati bhala Dok. TF. Il-kalibru tal-pistola huwa .22 u l-valur taghha huwa ta' tliet mitt Ewro (€300).

Fil-11 ta' Dicembru, 2013 xehed ukoll **Remy Said** li pprezenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. RSA1. L-ewwel oggett li ezamina kien arlogg tad-ditta Auto 5 b'makna automatic, serial number mhux imnizzel, b'lewn isfar u wicc tond vjola. Jinsab f'kundizzjoni wzat u jahdem. Il-valur tieghu huwa ta' €25.

Oggett iehor huwa brazzuletta, lewn il-fidda izda bil-metall 'Stainless Steel' u t-toqol taghha huwa ta' 26 gramma tal-marka Zopini@ maghmul l-Italja. Hija f'kundizzjoni tajba. Qal li l-valur taghha huwa ta' €25.

Arlogg iehor huwa tad-ditta Seiko, serial number 72025, b'lewn isfar u wicc abjad, gurnata u data fuq in-naha tal-lemin. Jinsb f'kundizzjoni tajba

u jahdem. Qal li jikkonsidrah bhala 'second hand'. Il-valur tieghu huwa ta' €80.

L-ahhar arlogg huwa tad-ditta Skagway Quartz movement, serial number mhux imnizzel, b'lewn isfar kwadru abjad. Jinsab f'kundizzjoni tajba (kwazi gdid) pero' ma jahdimx. Il-kvalur tieghu huwa ta' €50.

Fil-5 ta' Awissu 2014 xehed ghal darb' ohra l-Ispettur James Grech. Ikkonferma li fid-19 ta' Awissu 2012 kien ressaq il-Qorti lil Giovanni Farrugia flimkien ma' Clive Agius, pero' dan mal-prezentata kien ammetta u ghalhekk il-proceduri tkomplew fil-konfront ta' Agius. Is-sentenza relattiva tinsab esebita fl-atti a fol. 35 et seq. Stqarr li tassew li x-xhieda anonimi li saret referenza ghalihom, baqghu ma ttellghux jixhdu. Qal li dawn kienu nies li mill-gallarija tal-blokka minn fejn saret is-serqa, allegatament raw lil Clive Agius u lil Giovanni Farrugia hergin mir-residenza fi Triq il-Wied, l-Imsida u li nfurmaw lill-pulizija lil fejn rawhom sejrin. Fil-fatt il-pulizija sabuhom fl-inhawi msemmija. Pero' l-pulizija ma jafux liema kienet il-gallarija fejn kienu dawn in-nies u ghalhekk qatt ma tressqu jixhdu jew hadu sehem f'xi ID Parade biex jidentifikaw lill-imputati. L-imputat gie identifikat mill-pulizija.

Fl-24 ta' Marzu 2015 xehed **l-imputat Clive Agius** minn jeddu b'mod volontarju.

Ftakar li zmien ilu kien cempillu John Farrugia, li kien il-ko akkuzat mieghu u kien qallu sabiex imur ghalih ghaliex kellu xi jghid ma' ibnu u t-tifel tieghu joqghod l-Imsida. Hu mar ghalih u appena mar ghalih marru l-Pulizija fuqu. Dak il-hin huma telqu jigru. Qal li ghamel kif qallu Farrugia. Sostna li ma kienx jaf x'inhu jigri, sar jaf wara li kien sar xi sgass f'xi dar, u cioe' hdejn il-blokka fejn kien joqghod it-tifel ta'

John Farrugia. Spjega li ghall-habta tas-saghtejn neqsin ghaxra ta' filghodu (1:50) kien ircieva telefonata minghand John Farrugiau dak qalli li kellu xi jghid ma' ibnu u li kellu bzonn li huwa jmur ghalih.

Agius qal li kien ta l-finger prints tieghu sabiex issir xi analizi in konnessjoni ma' din il-kawza u safejn jaf hu dawn taw rizultat negattiv. Sostna li fil-fatt lanqas seta' jirrizultaw ghaliex hu ma kienx involut. Qal li llum il-gurnata ma jiftakarx in-numru tal-mobile li kellu dak iz-zmien u lanqas in-numru ta' John ma jiftakar.

Cahad li kien involut f'din is-serqa. Rega' qal li hu kien mar biss biex jigbor lil John Farrugia mill-Imsida. Fl-ebda hin ma kellu xi torch, ingwanti jew xi parrokka li tefaghha fit-triq u u lanqas ma kellu beritta dakinhar. Mistoqsi kif jispjega li effettivament instab id-DNA tieghu fuq din il-beritta, qal li ma jafx u zied li fil-fatt lanqas jaf li kien hemm id-DNA. Huwa minnu li l-Pulizija sabuh f'post taht kostruzzjoni fi Triq ma tinfidx. Qal li fil-fatt sabuh hemmhekk ghaliex obda dak li qallu John Farrugia, cioe' meta qalu biex jgri f'dik id-direzzjoni. Zied li ma kienx jaf li effettivament fuq il-post, xi tliet (3) passi 'l boghod minnu kien hemm xi arloggi u xi affarijiet ohra li kienu gew misruqa. Mistoqsi jispjega dan qal li ma setax jispjega ghax ma rahomx.

Ikkonferma li John Farrugia tressaq ukoll il-Qorti in konnessjoni ma' dan il-kaz. Mistoqsi jekk in-numru 99999833 hux tieghu, wiegeb li mhux tieghu u qatt ma kien fil-pussess tieghu. Rega' tenna li dan in-numru ma jaf xejn dwaru.

Fis-7 ta' Mejju, 2015 xehdet **Jeanne Cali'** mill-Caritas. Ix-xhud ikkonfermat li l-imputat Clive Agius illum il-gurnata qed isegwi

programm ta' riabilitazzjoni gewwa il-Caritas. Fil-fatt qed isegwi l-programm tal- Prison Inmates Programm. Qalet li fil-passat kien imur u dejjem wera x-xewqa li effettivament jaghmel dan il-programm, issa applika biex jidhol maghhom u huma accetawh. Qalet li fil-fatt kien ilu biss tlett (3) ijiem li beda. Qalet illi f'dawn it-tlett (3) ijiem integra ruhu tajjeb ma' kulhadd u s'issa kien sejjer tajjeb. Ghandu jibqa' maghhom sena u xahar.

Fit-3 ta' Settembru, 2015 xehdet il-**Probation Officer Deborah Farrugia**. Ikkonfermat li hija l-Probation Officer li qed issegwi lill-imputat odjern, li gharfet prezenti fl-Awla bhala Clive Agius. Ilha ssegwi lill-imputat odjern mill-ahhar tas-sena elfejn u tnax (2012). Minn dak iz-zmien l'hawn irregistra progress kbir. Qalet li fil-bidu Agius kien ghadu ghaddej bil-problema tal-vizzju u abbuz tad-droga fejn sahansitra kien anke fetah kazijiet godda fejn inghata sentenzi ta' Habs. Qalet li f'Mejju ta' din is-sena huwa dahal f'programm il-PIP u skont informazzjoni li ghandi min-nies li jmexxu l-programm, ir-rizultati huma posittivi. Qalet li Clive qed jahdem fuq l-issues tieghu sabiex ikun jista' jitratta bihom u una volta jekk jigi rilaxxat fis-socjeta' ikun jista' jkompli jahdem fuqhom. Ziedet tghid li effettivament baqaghlu sa Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) biex ikompli dan il-programm li ghalih huwa ukoll residenti.

Sostniet li llum il-gurnata l-imputat ghandu bzonn hafna sapport u jekk jibqa' jahdem fuq il-problema li huwa ghandu ta' abbuz ta' droga u jsegwih bis-serjeta' ghandu jimxi aktar il-quddiem. Fil-fatt, qalet li Clive Agius ilu minn Mejju ta' din is-sena *clean* zgur. Mistoqsija jekk isirx *random checking* ghall-abbuz tad-droga, qalet li dawn it-testijiet jittiehdu min-nies tal-programm.

Fit-3 ta' Settembru, 2015 regghet xehdet **Jeanne Cali' u** kkonfermat li effettivament l-imputat odiern Clive Agius ghadu qed isegwi l-programm ta' riabilitazzjoni gewwa l-Caritas, fejn fil-fatt ilu hemm mill-erbgha (4) ta' Mejju, two thousand and fifteen (2015). Qalet li huwa resident ezemplari u jobdi r-regoli kollha u anke dejjem lest biex jghin. Ziedet tghid li fil-fatt ghandu relazzjoni tajba kemm ma' nanntu, kif ukoll m'ommu w ma' hutu, li qabel ma kellux ghaliex huwa issa li fil-fatt beda din ir-relazzjoni. Fil-fehma taghha Clive irregistra progress. Qalet li fadallu hemm sa Marzu. Wara li effettivament ikun ghadda dawn l-ghaxar (10) xhur irid isegwi *evening programme* li jdum ghaddej sena. Biex jibda dan il-programm l-imputat irid ikun *clean*. Spjegat li jehdulu t-testijiet tal-awrina kull gimgha u dawn dejjem taw rizultat negattiv ghall-prezenza tad-droga. Ix-xhud esebiet dokument mahrug mill-Caritas li gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument Z. Dan id-dokument datat l-ewwel (1) ta' Settembru, two thousand fifteen (2015) u hareg fil-konfront tal-imputat odiern.

Rat il-verbal taghha tal-15 ta' Ottubru, 2015 fejn l-avukat tad-Difiza talbet li f'dan l-istadju l-Qorti tikkonverti ruhha fi Drug Court. Rat ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-Prosekuzzjoni ghal din it-talba, stante li l-ammont ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37).

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Novembru 2015 fejn iddecidiet:

**"Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-Subartikolu (2) huma sodisfatti, w ghalhekk issa wara li semghet is-**

**sottomissjonijiet tal-avukat difensur f'isem il-persuna akkużata w lill-Ufficjal Prosekutur jirrimetti ruhu w semghet ukoll kull xhud li hija qieset li kien neċessarju, thoss li ghandha tikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, u ghalhekk tordna li Rappresentatnt ta' dan il-Bord jidher quddiemha fis-seduta li jmiss bil-ghan li tkun f'posizzjoni li toħroġ digriet li permezz tiegħu il-Qorti tkun tista' tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement ai termini tas-Sub-inciz (c) tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tkun tista' tipprocedi sabiex tirreferi lill-persuna akkużata quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga sabiex jagħti dawk l-ordnijiet fir-rigward tal-persuna akkużata kif previst fl-Artikolu 6."**

**Rat il-vergal tat-12 ta' April, 2016 fejn wara li rat in-nota tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni tal-Persuni li nqabdu bid-Droga, fejn iddikjara li ma jsibx oggezzjoni li din il-Qorti tassumi l-funzjoni tal-Qorti tad-Droga kif previst fl-Artikolu 8(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti assumiet il-funzjonijiet tal-Qorti dwar id-Droga.**

**Konsegwentement il-Qorti fl-istess verbal irreferiet lil Clive Agius biex jidher quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni tal-Persuni li nqabdu bid-Droga u dan sabiex hija jkollha s-setgha li taghti dawk l-ordnijiet fir-rigward tal-persuna akkuzata quddiemha kif previst fl-Artikolu 6.**

**Il-Qorti ddiferiet il-kawza Sine Die sabiex il-Bord jaghmel l-evalwazzjoni tieghu kif mehtieg u dan sabiex tikkonferma jekk il-persuna rnexxilhiex tehles mid-dipendenza fuq id-droga u li kienet se tirriappunta l-kawza meta l-Bord ilesti r-rapport tieghu.**

**Illi l-kawza giet riappuntata ghall-24 ta' Mejju, 2016 fuq talba tal-imputat li talab li jkun hemm tibdil fil-kundizzjonijiet tal-liberta'**

**provizorja u cioe' li jkun awtorizzat jizbanka d-depozitu ta' elfejn Ewro (€2000) u li titnehha l-kundizzjoni tar-rinkazar.**

Il-Qorti laqghet it-talba tieghu permezz ta' digriet moghti fis-27 ta' Mejju, 2016 b'dan li zzomm ferm il-kundizzjonijiet l-ohra.

Ghaldaqstant fis-seduta tal-1 ta' Gunju 2016, il-kawza regghet thalliet Sine Die, riappuntabbli una volta jigi pprezentat ir-rapport tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni.

Rat in-nota pprezentata mis-Senior Social Worker Joanne Buhagiar Fiott fil-5 ta' Ottubru, 2016 fil-kapacita' taghha ta' Ko-Ordinatrici tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga. Hija nfurmat lill-Qorti li kienet qed tipprezenta r-rapport tas-Social Worker Stephanie Grech minn Caritas Malta, li kienet qed issegwi lil Clive Agius matul it-tmintax-il xahar.

Minn ezami ta' dan ir-rapport fejn gie sottomess illi:

*"**ADHERENCE TO CAREPLAN/GOALS SET.***
*Mr. Agius is not showing consistencey. He is not attending weekly sessions and leaving weekly urines as planned...*

***GENERAL COMMENTS/RECOMMENDATIONS**.*
*As reported, Mr. Agius is not following his plan. It is recommended that he is given some more time to follow his plan of weekly sessions and urine testing in view of the fact that he did attend for some sessions. Perhaps he can be given a six week time frame to further assess his motivation and more specifically to assess his commitment towards his recovery."*

Fil-21 ta' Ottubru, 2016 il-Ko-Ordinatrici Joanne Buhagiar prezentat nota ohra flimkien ma' rapport tas-Social Worker Stephanie Grech fejn iddikjarat li *"Mr. Agius has shown improvement and more commitment since the last report dated 29th September 2016."*

In vista tan-nota tal-Ko-Ordinatrici u tar-rapport prezentat, il-Qorti rriappuntat ghall-25 ta' Ottubru 2016.

Fil-25 ta' Ottubru, 2016 xehdet il-**Probation Officer Deborah Farrugia** li kkonfermat li ilha ssegwi lill-imputat Clive Agius u dana fil-fatt qabel ma kien gie ssentenzjat sentenza ta' habs. Fil-fatt is-sentenza kien hadha fid-dsatax (19) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u peress li kien qed jaghmel xi xoghol fil-komunita' dan kellu jitwaqqaf peress li kien dahal il-habs. Pero' fit-tlettax (13) ta' Awwissu 2016 huwa gie rilaxxat. Fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Awwissu tal-istess sena 2016 inghata appuntament biex jidher quddiemha fid-disgha (9) ta' Settembru, pero' ma kienx attenda ghal dan l-appuntament. Inghata appuntament iehor ghall-erbgha (4) ta' Ottubru, 2016. Qalet li kien cemplilha l-employer tieghu u qalilha li kien qed ikollu problemi biex jibghatu ghall-appuntamenti u ghalhekk irrangaw data ohra ghas-sitta (6) ta' Ottubru. Dakinhar attenda. Ziedet tghid li effettivament l-imputat ghandu problema biex jitlaq mix-xoghol biex jattendi ghall-appuntamenti u li din il-problema tirrizulta wkoll ghall-appuntamenti illi huwa ghandu ghall-Caritas.

Ziedet tghid illi dakinhar tas-sitta (6) ta' Ottubru ppruvaw jiehdu sample tal-awrina tal-imputat biex tigi ttestjata ghall-prezenza o meno tad-droga izda l-imputat ma rnexxielux. Ghalhekk tkellmet mas-superjuri taghha biex tara kif jistghu jirrangaw l-appuntamenti dwar

il-hinijiet minhabba l-problema tieghu tax-xoghol. Kien hemm ftehim li huwa ghandu jattendi darba fix-xahar l-ufficcju jhalli sample tal-awrina tieghu filwaqt li jkompli jaghmel xoghol fil-komunita'. Pero' nonostante hija bghatet email lil Leon li huwa l-key worker tieghu gewwa l-Caritas sabiex jekk huwa jhalli l-urine hemmhekk jghaddilha r-rizultati, u ghalkemm anke bghatitlu reminder, ma rceviet xejn dwar il-kaz. Tkellmet ma' Albert Zammit dwar l-employment advisor tal-imputat li hu wkoll kien ikkoncernat minhabba din il-kwistjoni ta' appuntamenti u xoghol.

Fil-31 ta' Ottubru, 2016 xehed **Noel Cassar** volontarju mal-Caritas. Huwa esebixxa ittra mahruga mill-Caritas datata 20 ta' Ottubru 2016 fil-konfront tal-imputat li giet immarkata bhala Dok. C. Ikkonferma li din giet iffirmata mill-Head of Community Services tal-Caritas Stephanie Grech. B'zieda ma' dak hemm miktub qal li t-Tlieta ta' qabel kienu regghu ghamlu urine test iehor tal-imputat li rrizulta negattiv u ghalhekk qal li fl-ahhar xahar l-imputat kien rega' beda jaghmel progress.

Rat in-nota tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li nqabdu bid-Droga datata 1 ta' Frar 2017 fejn gie esebit ir-rapport tal-key worker Stephanie Grech immarkat bhala Dok. A. Permezz ta' din in-nota l-Bord informa lill-Qorti li:

"Wara li ghamel l-investigazzjonijiet mehtiega jidhirlu li fl-ahhar perjodu l-klijent ma ghamel xejn biex jirrispetta l-care plan u ma jidhirx li huwa dispost li jikkopera ghal dan il-ghan.

Hu jatribwixxi dan ghal-fatt li huwa homeless u ma jistax isib xoghol accettabbli ghalih.

Il-Bord jirrimetti l-kaz lura l-Qorti."

Fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2017, l-partijiet trattaw il-kawza.

Ikkunsidrat:

**Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz huma is-segwenti:-**

Illi l-pulizija giet mghajjta mill-Control room permezz ta' telefonata minn persuna li xtaqet tibqa' anonima li kien hemm, fejn giet mgharrfa li kien hemm xi hallelin qed jisirqu minn xi appartament fejn l-Ghajn tal-Hasselin gewwa l-Imsida u dana fit-18 ta' Awwissu 2012 . Il-Pulizija li kienu fid-distrett u dawk li kienu ghassa mal-RIU marru fuq il-post minnufih u hemmhekk sabu xi nies gol-gallerija ta' blokk appartamenti jghajtu li l-malviventi telqu jigru f'direzzjoni partikolari. Ghalhekk il-pulizija tqassmu, kien hemm min tela' fil-blokk appartamenti li gie indikat lilhom fuq il-post u cioe' fil-blokk 164, Triq il-Wied ta' l-Imsida, Msida u meta avvicinaw il-flat numru wiehed raw li l-bieb kien miftuh u sgassat u huma dahlu gewwa sabiex jaraw jekk kienx ghad fadal nies gewwa pero' ma kien hemm hadd. Il-pulizija tkellmu ma' sid il-blokk appartamenti, cioe' Joseph Camilleri, li kien wasal minn Ghawdex fejn kien ghal xi vaganza, u gew mgharrfa li l-malviventi hadu xi pistola u xi arloggi kulur id-deheb.

Il-pulizija l-ohra li kienu ghadhom barra marru jfittxu fl-akwati u fil-vicinanzi sabu lill-imputat, flimkien ma' persuna ohra certu John Farrugia, u dawn gew arrestati. Dan kien ghall-habta tat-3.30a.m. Fil-vicin ukoll

sabu tliet arloggi kulur id-deheb isfar u pistol, li aktar tard Joseph Camilleri gharaf li kienu tieghu. Fil-vicinanzi instabu wkoll beritta u *torch* li kien ghadu mixghul u li kien mal-art vicin xi garaxxijiet. Aktar tard irrizulta wkoll li fuq il-beritta kien hemm id-DNA li ma setax jigi eskluz li ma kienx ta' Clive Agius l-imputat.

John Farrugia u Clive Agius tressqu l-Qorti u fil-prezentata John Farrugia irregistra ammissjoni ghall-akkuza ta' serq aggravat u ghalhekk il-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju.

Jnghad li hadd mix-xhieda ma ra lill-imputat diehel jew hiereg mill-appartament in kwistjoni u l-Prosekuzzjni lanqas ma ressqet persuna wahda tghid li rat lill-imputat odjern Agius jigri mill-appartament derubat. Clive Agius ta d-deposizzjoni tieghu u stqarr illi Joseph Farrugia kien cempillu u talbu sabiex imur jigbru u hu mar, u appena wasal hdejh ra lil Farrugia jigri u huwa beda jigri warajh.

Dwar il-fatti *ut sic* ma jidhirx li hemm xi nuqqas ta' qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI

### Oneru tal-Prosekuzzjoni.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu Diritto Penale[1]:-

[1] *Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890.*

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali kunflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll, kif gie deciz fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**[2]:

"*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-Difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabbilta'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[3], fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi

[2] *Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997.*
[3] *Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997.*

kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller vs Minister of Pension** [4]- tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

"*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice.*"

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara**[5] fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' li jistghu jigru zewg affarijiet, u cioe' jew li l-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Kif ghandha tiddeciedi il-Qorti.**

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi ghandu jaghzel is-sikrana mill-qamh. Kif se jaghmel dan?

---

[4] *1974 - ALL Er 372.*
[5] *Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002.*

"*Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*"[6]

F'decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Il-Pulizija vs Charles Bianco**[7] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

"*Din il-Qorti kellha okkazzjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dan l-ambjent izda jkunu qegħdin jixhdu in rebus suis, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmati u – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi zgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, " zgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-kaz u jfakkru lil xulxin x'gara dak inhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti bizzejjed biex ma "jikkoregux il-verzjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkazzjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanz li x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata*".

---

[6] *Appell Civili Numru. 140/1991/2 -* ***Norbert Agius vs Anthony Vella et., deciz*** *fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.*
[7] *Moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 - Appell Kriminali Numru 115/2006.*

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

*"id-decizjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiggudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u tac-cirkostanzi kollha tal- kaz* ".

**Apprezzament tal-provi fit-totalita taghhom.**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**Provi ċirkostanzjali.**

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Abdellah Berrad et** deċiża mlnn din l-istess Qorti tal-Maġistrati (Malta)[8] ingħad is-segwenti:

"*Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'il fuq li fl-*Artikolu 638(2) tal-*Kapitolu 9 ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta*

[8] *Deciza fid-19 ta' Mejju 2014.*

*minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilta'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-Gudikant jaccerta ruhu li huma univoci*".

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Lee Borg et**[9], fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-prezunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkunsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**[10]:

*"Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi preci joni matematika".*

[9] *moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998.*
[10] *sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.*

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu Criminal Practice (1997 Edition Para 10-3) b'riferenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs R** (1952) jghid:

"*Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved and other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference*".

Illi din hija eżattament il-pozizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt ġiet konfermata b'sentenza fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**[11].

Il-Qorti tgħid li provi ċirkostanzjali huma bħall-katina li tintrabat minn tarf għal tarf, b'sensiela ta' għoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer** daħlet fil-fond dwar il-prova ċirkostanzjali u l-konklużjoni univoka, fejn ikkwotat il-ġurista Ingliż **Pollock C.B.**:

[11] *mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgħa (9) ta' Jannar 1998.*

"*It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of*".

Il-Qorti ziedet tghid li "*biex wieħed jasal li jikkonkludi li l-provi ċirkostanzjali huma univoċi wieħed irid jara l-assjem ta' dawn iċ-ċirkostanzi miġjuba bħala prova u li dan il-konvinċiment morali huwa wieħed ibbażat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni taċ-ċertezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni. In oltre il-konlużjoni biex tkun univoka mhux neċessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlaħaq iżda trid tkun l-unika waħda li tista' twassal għal ħtija b'mod raġonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem ieħor jekk jinħoloq dubju dwar l-univoċita' tal-provi ċirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wieħed raġonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bażi tan-nuqqas ta' univoċita* .[12]"

**<u>X'inhuma l-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz.</u>**

1. Numru ta' pulizija fosthom PC 265, PS 1074, PC 345, PC 1241, PS 267, PC 451, PC 296 u PC 233 li qalu kien ircevew it-telefonata mill-Control Room nhar it-18 ta' Awwissu 2012 u x'ghamlu in segwitu'. Partikolarment

[12] *Qorti ta' l-Appell Kriminali (Onor. Imhallef Michael Mallia) Il-***Pulizija (James Grech) vs Cyrus Engerer** *deċiża 08 ta' Mejju 2014.*

li marru fl-akwata li giet indikata lilhom, li ltaqghu ma' xi hadd fil-gallerija li ndikalhom il-flat li gie derubat u d-direzzjoni ta' fejn grew il-malviventi.

PC 265 Kenneth Ciangura jghid "*li telqu mis-Siggiewi, waslu fil-post indikat lilhom u nizlu mill-vettura u kif marru fil-bieb indikat kien hemm xi hadd li ndikalhom li kienu ghadhom kemm telqu zewg persuni*".

2. Jinghad pero' li l-Prosekuzzjoni ma ressqet lill-ebda xhud okulari li ra lill-malviventi jigru jew sabiex jaghti deskrizzjoni tan-nies li raw jigru. Fil-fatt deskrizzjoni tal-malviventi hadd ma ta.

3. Xehdu wkoll membri tal-Forensic Unit li gew nominati sabiex jaghmlu l-indagini in konnessjoni ma' din is-serqa aggravata u hadd minnhom ma qal li ha xi impronti digitali mil-fond li gie derubat u li ghandu *match* ma' dak tal-imputat. PS 46 Charlot Casha jghid is-segwenti - li huma *qua* SOCO ghamlu x-xoghol kollu necessarju dwar *Scene of crime* li jinkludi t-tehid ta' ritratti. Elevaw xi affarijiet u ghamlu tfittxijiet necessarji u wara hejjew rapport li pprezentaw, li jinkludi sett ta'ritratti f'ammont ta' tlieta u sebghin ritratt (73). Imkien ma jghid li elevaw xi impronti digitali mill-fond, jew adirittura li hadu l impronti digitali ta' Agius u ghamlu *comparison* ma' dawk elevati fuq ix-xena tar-reat.

4. Xehdu l-Ufficcjali Prosekuturi u stqarru x'kienet il-partecipazzjoni taghhom f'dan il-kaz u kif waslu sabiex jarrestaw lill-imputat u jressquh il-Qorti. L-Ispettur James Grech jghid *ex admisses "Il-girien ma xtaqux jidhru ghax ghandhom bizgha."* Spjega li dawn il-girien li ma xtaqux jizvelaw l-identita' taghhom *"iggwidaw lill-pulizija mill-gallerija taghhom id-direzzjoni li hadu l-hallelin biex harbu, u kienu huma li ggwidaw lill-pulizija sabiex gew arrestati Giovanni Farrugia u Clive Agius.*" Illi din mhix prova konkreta li tista' torbot lill-imputat Agius

max-xena tar-reat, la l-girien ghazlu li ma jixdhux u jghidu li raw lill-imputat Agius hiereg mill-blokka appartamenti u jitlaq jigri. Il-fatt li Farrugia ammetta l-akkuzi ma jfissirx li l-imputat Agius ghamel l-istess, minkejja li nstab mieghu.

5. Xehdet Dr. Marisa Cassar li ukoll kienet giet nominata fl-atti tal-inkjesta, li stqarret li mill-analizi li ghamlet ghad-DNA fuq l-oggetti li gew moghtija lilha kien hemm beritta li allegatament, skond ma inghad lilha, instabet barra fit-triq hdejn numru ta' garaxxijiet fi sqaq, li kellha tracci ta' DNA li ma setghux jigu eskluzi li ma kienux ta' Clive Agius. Pero' l-Prosekuzzjoni ma ressqet lil hadd sabiex jghid li l-malvivent li dahal fil-blokka appartamenti kien liebes beritta, jew kien ikun ahjar dejjem li kienu jghid li ra persuna liebes beritta partikolari u jaghti deskrizzjoni tal-beritta li nstabet. Instab ukoll *torch* li kien ghadu mixghul pero' minn dan l-oggett ma hareg l-ebda profil fir-rigward ta' DNA.

6. Illi l-Prosekuzzjoni ressqet xhieda ukoll xi Ufficcjali tal-Pulizija jghid li fil-vicinanzi sabu l-oggetti li kienu gew misruqa u cioe' pistola u tliet arloggi kulur id-deheb li l-propretarju gharaf li kienu tieghu. Dawn gew identifikati minn sid il-post Joseph Camilleri u ma jidhirx li saru xi testijiet forensici fuqhom qabel ma gew ritornati lil sidhom.

Dawn huma l-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni dwar is-serqa *ut sic* u l-investigazzjoni li ghamlet hi. Illi fil-fehma tal-Qorti minkejja li tista' tkun moralment konvinta li l-imputat seta' kien il-persuna li dahal fl-appartament li gie derubat u ha sehem fis-serqa, il-Qorti trid tasal ghal dan il-konvinciment a bazi ta' Ligi ghaliex din hija Qorti ta' Ligi li tabbraccja il-Gustizzja u mhux Qorti ta' Gustizzja li tinjora il-principji legali. Trid taghmel gustizzja mal-vittma kif ukoll ma' min jidher quddiemha bhala akkuzat. Ghalhekk il-figura tal-Gustizzja hija rapprezentata bil-bilanc fuq

naha u forka fuq in-naha l-ohra u dan sabiex hi stess tizen il-provi li tressaq il-Prosekzzjoni u tuza il-forka fuq min jirriuzulta li kiser il-Ligi.

Illi ghalhekk il-Prosekuzzjoni kellha tabilhaqq tipprova in-*nexus* bejn il-beritta li nstabet fit-triq u s-serqa li saret. Mhux bizejjed li tghid li kien hemm serqa fit-triq u li l-imputat instab fit-triq u li vicin l-imputat instabet beritta bid-DNA tieghu u *torch* li kien ghadu mixghul. Id-Difiza m’ghandha ghalfejn tipprova xejn *ut sic* u tistrieh fuq il-provi li tressq il-Prosekuzzjoni. Il-provi cirkostanzjali, kif inghad aktar ‘il fuq, iridu jkunu tali li huma univoci li jorbtu lill-akkuzat u lil hadd iehor mar-reat li qed jigi akkuzat bih.

Illi minkejja li l-imputat xehed, kien irrilaxja wkoll stqarrija u ta spjegazzjoni ghaliex kien f’dik it-triq meta giet rappurtat is-serqa. Tali verzjoni tista’ ma tigix emmnuta pero’ xorta sta’ ghall-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Illi fil-fehma tal-Qorti din l-akkuza ta’ serq aggravat ma gietx provata sal-grad rikjest mil-ligi. Fit-tieni lok l-imputat gie akkuzat li huwa recidiv, pero’ peress li l-Qorti mhux qed issibu hati tal-akkuza primarja ta’ serq aggravate, ma tistax issibu hati tal-akkuza ta’ recidiva.

**Ghalhekk il-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe’ Artikoli 17, 23, 23A(2), 23B, 23C, 31, 49, 50, u 261 (b) (c)(e)(f), 263, 265, 267, 269(g), 270, 278(1) (2) (3), 279(a), 280(2), 281(b), 289, 325(1) (b), 533 u 579(1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tiddikjara li ma ssibx lill-imputat CLIVE AGIUS hati u tilliberah minn kull akkuza.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti l-Qorti rat li ma sabitux hati ta’ dawn l-akkuzi addebtiati fil-konfront tieghu u ghalhekk mhix**

**ser tilqa' tali talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai fini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dott. C. Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**